

# Festa li ġġib in-nies flimkien

Fr Joe Caruana
*Arċipriet*



X'jiġik l-ewwel f'moħħok meta ssemmi l-festa? Jista' jkun li jiġik f'moħħok il-banda, l-innu, il-programmi fil-pjazza, in-nar, it-tiżjin u l-kumplament, ovvjament kulħadd skont il-gosti tiegħu. Jien l-ewwel ħaġa li tiġini f'moħħi hi l-immaġini ta' nies flimkien. Nies flimkien il-knisja, il-każini, id-djar mal-familja. Żgur li tiġik f'moħħok il-folla għall-ħruġ u d-dħul tal-vara, pjazza maħnuqa għall-baned u ġiġġifogu u fuq ix-xifer jaraw in-nar tal-ajru.

Jidhirli li dan l-aspett tal-festa hu aspett pożittiv ħafna. Fi żmien fejn qegħdin naraw aktar nies li ma jimpurtahomx minn xulxin, fejn l-individwaliżmu għolla rasu sewwa, kulma jwassal biex iressaq in-nies flimkien hu ta' valur.

Is-soċjetà li qed ngħixu fiha hi soċjetà ta' kontradizzjonijiet kbar. Waqt li l-pluraliżmu hi mantra li nisimgħuha fuq fomm kulħadd, fl-istess ħin kibru l-każi ta' xenofobija – biża' jew stmerrija ta' persuni minħabba r-razza, il-kulur tal-ġilda jew ir-reliġjon tagħhom. Waqt li l-aċċettazzjoni tal-ġeneru sesswali hi fuq l-aġenda ta' kull entità politika, fl-istess ħin il-*bullying* fl-iskejjel kiber daqs qatt qabel. Għalkemm pajjiżna hu minn ta' quddiem f'dak li għandu x'jaqsam ma' mezzi ta' komunikazzjoni soċjali qed naraw ukoll aktar minn qatt qabel familji mfarrkin fejn il-miżżewġin jinfirdu u l-ġenituri u t-tfal sikwit mhux kapaċi jikkomunikaw bejniethom. L-egoiżmu u l-individwaliżmu sfrenat tmissu b'idejk kull fejn iddawwar wiċċek u minkejja li pajjiżna hu wieħed mill-aktar popolat fid-dinja tant nies imwerwra għax f'din il-massa kollha jħossuhom waħedhom u li ħadd ma jifhimhom.

Il-festa tissimbolizza dak kollu li għandu jgħaqqadna. Ovvjament bħal kull ħaġa oħra nistgħu nabbużaw minnha u nużawha biex toħloq firda. Hekk jiġri meta jkun hemm min joħloq piki bla sens, min jieħu l-okkażjoni biex jixrob iżżejjed u jaqla' l-ġlied, min jinqeda bil-massa biex jiġbed l-attenzjoni u joqgħod jixxena. Biss nemmen li dawn huma l-eċċezzjoni u mhux ir-regola; għalhekk m'għandniex inħalluhom jaqtgħulna qalbna.

Ġesù ġie fid-dinja biex jgħaqqad flimkien il-bnedmin mifruda bejniethom u mbagħad, lil dawn, jgħaqqadhom ma' Alla Missieru u Missierna. Għalhekk kull festa Nisranija għandha valur kbir. Aħna l-Mellieħa fortunati li dawk kollha li jieħdu ħsieb jorganizzaw il-festa huma responsabbli biżżejjed biex ifittxu tassew dak li jgħaqqadna. Din mhi xejn ħaġa ħafifa fejn ikun hemm il-folol kbar tan-nies u għalhekk id-differenza ta' opinjonijiet. Madanakollu hi l-għażla t-tajba. Aħna għandna ngħinuhom f'dan billi nevitaw li noħolqu konfronti u nfittxu l-ftehim u nkunu tolleranti ta' xulxin. Hu b'hekk li tassew ikollna festa kbira, festa li tagħmlilna ġieħ, festa li togħġob 'l Alla u li tagħti unur lil Marija Bambina. Aħna u niċċelebraw il-festa tat-twelid ta' dik li fil-persuna tagħha, litteralment, għaqqdet dak li hu tas-sema ma' dak li hu tal-art f'binha Ġesù veru Alla u veru bniedem, ejjew nitolbuha bil-qalb biex il-festa tagħna tkompli tgħaqqadna tassew bejnietna.

Viva Marija Bambina.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***


ALLNEEDS THE D.I.Y. STORE
ALLNEEDS
IRONMONGERY
19, St.Anne Street,Mellieħa
Tel: 21521167
www.allneeds.com.mt


THE CATERER
Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591
Fresh Bread, Frozen Food, Cakes, Pastries, Sweets & More!
We also cater for Weddings, Parties, Events & Outside Catering
Visit our shop for our full range of products!
www.thecaterer.com.mt
info@thecaterer.com.mt
Find us on Facebook

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**